REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1244/2010

tad-9 ta' Diċembru 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinament tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004

(Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali [1].

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 92 tiegħu,

Billi:

(1) Żewġ Stati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom talbu li jiġu emendati l-Annessi VIII u IX tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

(2) Xi Stati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom talbu li jiġu emendati l-Annessi 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009.

(3) L-Annessi VIII u IX tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u l-Annessi 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 jeħtieġ li jiġu adattati ħalli jitqiesu l-iżviluppi riċenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u biex tiġi garantita t-trasparenza u ċ-ċertezza legali għall-partijiet interessati.

(4) Il-Kummissjoni Amministrattiva dwar il-Koordinament tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali qablet mal-emendi.

(5) Ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 għalhekk għandhom jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 huwa emendat kif ġej:

1. L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-Parti 1, it-taqsima "IL-PORTUGALL", hija sostitwita b'dan li ġej:

"IL-PORTUGALL

L-applikazzjonijiet kollha għal talbiet ta' pensjoni għall-invaliditià, tax-xjuħija u tas-superstiti, minbarra l-każijiet fejn il-perjodi totalizzati ta' assikurazzjoni magħmula taħt il-leġiżlazzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed huma ugwali jew itwal minn 21 sena kalendarja, imma l-perjodi nazzjonali ta' assikurazzjoni huma ugwali għal jew taħt l-20 sena, u l-kalkolu huwa magħmul skont l-Artikoli 32 u 33 tad-Digriet-Liġi Nru 187/2007, tal-10 ta' Mejju 2007."

(b) Fil-Parti 2, it-taqsima l-ġdida li ġejja tiżded wara t-taqsima "IL-POLONJA":

"IL-PORTUGALL

Pensjonijiet supplimentari mogħtija skont il-Liġi-Digriet Nru 26/2008 tat-22 ta' Frar 2008 (skema tal-kapitalizzazzjoni pubblika)."

2. Fl-Anness IX, Parti I, it-taqsima "IL-PAJJIŻI L-BAXXI" hija emendata kif ġej:

(a) "Il-liġi tat-18 ta' Frar 1966 dwar l-assikurazzjoni tal-invaliditià għall-impjegati, kif emendata (WAO)" tiġi sostitwita minn "L-Att tal-Assikurazzjoni tad-Diżabilità tat-18 ta' Frar 1966, kif emendat (WAO)";

(b) "Il-liġi tal-24 ta' April 1997 dwar l-assikurazzjoni tal-invaliditià għall-persuni impjegati għal rashom, kif emendata (WAZ)" tiġi sostitwita minn "L-Att tal-Benefiċċji tad-Diżabilità għal Persuni li Jaħdmu għal Rashom tal-24 ta' April 1997, kif emendat (WAZ)";

(c) "Il-liġi tal-21 ta' Diċembru 1995 dwar l-assikurazzjoni ġenerali għad-dipendenti superstiti (ANW)" tiġi sostitwita minn "L-Att Ġenerali tal-Qraba Superstiti tal-21 ta' Diċembru 1995 (ANW)";

(d) "Il-liġi tal-10 ta' Novembru 2005 dwar ix-xogħol u l-introjtu skont il-kapaċità tax-xogħol (WIA)" tiġi sostitwita minn "Ix-Xogħol u l-Introjtu skont l-Att tal-Kapaċità tax-Xogħol tal-10 ta' Novembru 2005 (WIA)".

[1] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 huwa emendat kif ġej:

1. L-Anness 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-taqsima "IL-BELĠJU-IL-PAJJIŻI L-BAXXI" punt "(a)" jitħassar.

(b) It-taqsima "IL-ĠERMANJA-IL-PAJJIŻI L-BAXXI" titħassar;

(c) It-taqsima "IL-PAJJIŻI L-BAXXI-IL-PORTUGALL" titħassar;

(d) It-taqsima "ID-DANIMARKA-IL-LUSSEMBURGU" titħassar.

2. Fl-Anness 2, it-titolu, "Artikoli 31 u 41" jiġi sostitwit minn "Artikoli 32 (2) u 41 (1)".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO